MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 841/2014

**THE GENERAL SOFT DRINKS COMPANY LIMITED (C-1591)**

vs

**Charlene CACHIA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-25 ta' Settembru, 2014, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrka biex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' erbatax-il elf, seba' mija u tmienja u sebgħin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmi (€14,778.85) li tirrapreżenta l-bilanċ ta' dejn li Roger Attard għandu mal-istess kumpannija attriċi bis-saħħa ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju, elfejn u ħdax (2011), fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello, f'liema kuntratt l-imħarrka Charlene Cachia dehret bħala garanti solidali flimkien mal-imsemmi Roger Attard dwar l-obbligazzjoni assunta minnu fil-konfront tal-kumpannija attriċi;

Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimata li naqset li tidher meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda ta' rappreżentant tas-soċjeta attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja ta' l-intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u taqta' il-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrka biex tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' erbatax-il elf seba' mija u tmienja u sebgħin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmi (€14,778.85) rappreżentanti dejn dovut lill-kumpannija attriċi kif fuq ingħad, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mid-19 ta' Ottubru, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv;

3) **Tikkundanna** lill-imħarrka tħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------